MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2077/2000/1

**Motnaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Joseph Galea u Joseph Galea**

**vs**

**Letizia Scicluna**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew :-

Illi fid-29 ta' Frar 2000, ghall-habta tas-17.40 gewwa ir-runway ta' Hal Far, waqt illi il-konvenuta Letizia Scicluna kienet qeghdha issuq il-vettura numru ta' registrazzjoni TIZ-017, proprjeta' ta' Ronald Scicluna, habtet gol-vettura

numru ta’ registrazzjoni JAB-626 misjuqa minn Jeffrey Galea pero’ proprjeta’ ta’ Joseph Galea u assikurata tas-socjeta’ attrici;

Illi ghal dan l-incident kienet tahti il-konvenuta Letizia Scicluna u dana minhabba traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi Joseph Galea huwa assikurat *comprehensive* mas-socjeta’ attrici Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera American Home Assurance Company u thallas ghad-danni sofferti fil-vettura tieghu;

Illi l-konvenuta Letizia Scicluna giet interpellata biex thallas id-danni ikkagunati u rizultanti mill-imsemmi incident, liema danni jammontaw ghal elfejn u tmien Liri Maltin u hames centezmi (Lm2008.05), liema ammont jinkludi kemm hsarat tal-vettura kif ukoll spejjez ohra relatati ma’ l-istess incident;

Illi ghalkemm il-konvenuta Letizia Scicluna giet interpellata anki permezz ta’ ittra ufficjali datata 11 ta’ Mejju 2000, hija xorta wahda baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuta tghid in vista tal-premess ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti:-

tiddikjara illi Letizia Scicluna kienet unikament responsabbli ghall-incident awtomobilisitiku tad-29 ta’ Frar 2000;

tillikwida id-danni kollha sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ elfejn u tmien Liri Maltin u hames centezmi (Lm2008.05);

tikkundanna lil Letizia Scicluna thallas lill-atturi is-somma ta’ elfejn u tmien Liri Maltin u hames centezmi (Lm2008.05) flimkien ma’ l-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 11 ta’ Mejju 2000, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika ta’ l-

assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit illi fl-ewwel lok, isem l-eccipjenti mhux Natizia Scicluna izda Letizia Scicluna u ghalhekk, hemm lok ghad-debita korrezzjoni. Illi it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni prezenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi, in kwantu huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident *de quo* sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ Jeffrey Galea, li kien qed isuq il-vettura proprjeta’ ta’ l-attur Joseph Galea, fil-hin ta’ l-incident de quo, u li wettaq manuvra ta’ U-turn gewwa triq principali minghajr ma ghamel ebda sinjal ta’ indikazzjoni u b’hekk holoq emergenza subitanea li ghaliha l-eccipjenti ma kellhiex il-hin illi tirreagixxi, kif jista' jigi prruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-6 ta' Dicembru 2000 li bih giet ordnata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u b'hekk giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi;

Semghet lill-konvenuta u x-xhud minnha prodott;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;
Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2004;

Rat in-nota ta' referenzi tal-konvenuta;

Ikkonsidrat :

Mill-provi jirrizulta li fid-29 ta' Frar 2000, wara l-hamsa (5.00) ta' wara nofs in-nhar, f'Hal Far, sehh incident stradali. Involuti f'dan l-incident kien hemm il-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura taghha tal-marka Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni TIZ-017 u Jeffrey Galea li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAB-626, van tal-marka Ford Escort. Din l-ahhar vettura hi proprjeta tal-attur Joseph Galea u kienet assikurata "comprehensive" mas-socjeta' attrici. Is-socjeta attrici assikuratrici, a basi tal-polza relattiva, hallset lill-imsemmi assikurat taghha d-danni sofferti fil-vettura tieghu bhala konsegwenza tal-incident u b'hekk giet surrogata fid-drittijiet tal-istess assikurat;

Is-socjeta attrici assikuratrici tippremetti fic-citazzjoni li hallset lill-attur Galea is-somma ta' elfejn u tmien liri maltin u hames centezmi (Lm2008.05), inkluz l-ammont sabiex gew irrangati l-hsarat u spejjez ohra relatati ma' l-istess incident. In effett jirrizulta li s-socjeta attrici assikuratrici hallset lil-assigurat taghha ghad-danni s-somma ta' Lm2000 u b'hekk l-istess assigurat, cioe' l-attur l-iehor Galea, seta sussegwentement jghamel it-tisswijiet relattivi. L-istess attur Galea hallas Lm100 excess lis-socjeta attrici assikuratrici, li hallset Lm8.05 ghas-survey. Minn dan is-survey jirrizulta li l-valur tal-karozza gie stmat fis-somma ta' elfejn lira (Lm2000), filwaqt li r-wreck value gie stmat li jitla ghal tliet mitt lira (Lm300);

L-atturi jippretendu li l-konvenuta hi responsabbli ghall-imsemmi incident stradali u b'hekk hi ukoll responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur Galea u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Da parti taghha l-konvenuta qed teccepixxi, fil-meritu, li l-incident sehh unikament tort tas-sewwieq l-iehor, Jeffrey Galea, li ghamel U-turn fi triq principali minghajr ma ta' ebda indikazzjoni li ser jghamel hekk u b'hekk huwa holoq, ghal konvenuta, emergenza subitanea;

Jirrizulta li fejn gara dan l-incident m'hemmx bini, hlief ghal xi fabbriki. It-triq in kwestjoni hi pjuttost wiesa u hi "two-way", pero' ma fiha ebda sinjali. Fil-passat din it-triq kienet tintuza bhala "runway" u ghalhekk f'hin minnhom it-triq tieqaf minnghajr sbokk. Minn fejn gara l-incident sa fejn tieqaf it-triq hemm circa mija u hamsin (150) metru;

Jirrizulta li Jeffrey Galea, is-sewwieq tal-vettura tal-attur Galea, kien f'Hal Far ma xi hbieb tieghu li kienu f'zewg vetturi ohra. Dawn ma jaqblux bejnithom dwar x'kienu qed jghamlu gewwa Hal Far. Wiehed jghid li kienu qed ifittxu ghalqa fejn setghu jilghabu loghba football, l-iehor jghid li kienu qed ifittxu lill xi hadd li kien qed jilghab il-football mentri iehor jghid li kienu ghadhom kif lghabu l-football u kienu qed jirritornaw id-dar. Dan kollu jindika li huma donnhom li jridu jahbu x'kienu effettivament qed jghamlu. F'dawn ic-cirkostanzi takkwista kredibilita' dak li tghid il-konvenuta u dak li jghid ix-xhud prodott minnha li dawn il-hbieb fit-tlett karozzi taghhom kienu qed itellqu;

Ghalhekk mhux kredibbli meta dawn il-hbieb jghidu li kienu qed isuqu wara xulxin. Lanqas ma huma kredibbli meta jghidu li Jeffrey Galea xeghel l-indicator biex jindika li kien ser jghamel U-turn. In effett tnejn minnhom, meta ghamlu affidavit, din ic-cirkostanza, cioe' li Jeffrey Galea xeghel l-indicator, ma qaluwiex. Huma rreferew ghall-istess cirkostanza meta sussegwentement iddeponew f'dawn il-proceduri. Huma ggustifikaw ruhhom billi qalu li l-istess cirkostanza kienu nsewha. Jidher ukoll li Jeffrey Galea kien nesiha l-istess cirkostanza meta kellem lill-ufficjal tal-Pulizija li kien qed jinvestiga l-kollizzjoni ftit tal-hin wara l-habta. Huwa ma semma xejn dwar li xeghel l-indicator meta kellem lis-Surgent tal-Pulizija;

Fid-dawl ta' dan kollu l-versjoni li jgatu dwar l-incident Jeffrey Galea u hbiebu mhux kredibbli u ghandha tigi skartata;

Il-konvenuta tghid li l-vettura li kienet misjuqa minn Jeffrey Galea kienet skjerata ma zewg karozzi ohra lesti biex itellqu bil-magni rrejzjati. F'hin minnhom il-vettura ta'

Galea ghaddiet minn fuq il-lemin tal-konvenuta u gibdet ghal fuq ix-xellug tal-konvenuta. Dak il-hin Jeffrey Galea, minnghajr ma ta' l-ebda indikazzjoni, qabad u beda jdur u cioe' beda jghamel U-turn. B'hekk huwa qasam it-trieq tal-konvenuta li baqghet diehla fl-istess vettura misjuqa minn Jeffrey Galea. Dan kollu hu sostanzjalment konfermat mix-xhud Kenneth Abela, li kien riekeb, fil-passenger's seat, mal-konvenuta;

Ma tirrizulta ebda kontributorjeta' da parti tal-konvenuta. Fic-cirkostanzi specjali tal-kaz u tenut kont ta dak li qalet il-konveuta dwar il-velocita' li biha kienet ghaddejja u tenut kont ukoll tal-lokalita' fejn grat il-habta ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement li l-konvenuta kienet ghaddejja bi speed eccessiv. Kien is-sewwieq Jeffrey Galea li ammetta li ried jghamel U-turn u ma ta' l-ebda indikazzjoni li kien ser jghamel hekk. Ghalhekk kien l-istess sewwieq Jeffrey Galea li holoq "a sudden emergency" ghal konvenuta. B'hekk ir-responsabilita kollha tal-kollizzjoni tirrizulta li hi tal-istess sewwieq Jeffrey Galea;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuta ghandhom jigu akkolti u konsegwentement it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet kollha fil-meritu tal-konvenuta u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------